MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 1575/2000/1

**Avviz Nru:-1575/00**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Christopher P Hartshorne**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u erbgha u hamsin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm654.58) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime', ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mit-13 ta' Frar 1998 sat-23 ta' Gunju 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u erbgha u hamsin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm654.58) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

B-imghax legali b’effett mill-10 ta’ Novembru tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------